# AWTOBIJOGRAFIJA
# ta' Karmenu Gruppetta



★

*Karmenu Gruppetta, li ilu żmien jieħu parti fi programmi tar-Rediffusion, issa qiegħed ukoll jaqra ir-rumanz "Clotilde" ta' Ġużè Attard Gouder.*

★

TWELIDT fix-xahar tal-Milied tas-sena 1922......u għadni nferfer. U nittama li nibqa' qawwi u sħiħ sa tmiem is-Seklu Għoxrin. Il-ħajja togħġobni u ma jkunx tort tiegħi jekk noħroġ mid-dinja qabel nagħlaq id-disgħajn.

Bħal ma jaf kulħadd, id-dinja tagħna tinsab fiċ-ċentru tal-Univers u l-Gżira tagħna f'nofs il-baħar Mediterran. Issa jiena tal-fehma li kull wieħed minna jitwieled taħt kewkba u jagħmel l-ewwel dehra fuq il-palk tad-dinja. Ma taqblux?

Nieħdu lili — biex ma nsemmgħu 'l ħadd......Kont għadni tarbija tal-fisqija meta sibt ruħi fi ħdan Ġenoveffa — dramm b'sitt atti. Din kienet l-ewwel dehra tiegħi bħala attur professjonali. Ommi tgħid li kienu tawni "Bottle" extra mill-ħalib tal-mogħża — li dak iż-żmien kien joqtol ħafna trabi. Iżda fost ħafna ħuti li mietu trabi x-xorti riedet li nibqa' ħaj. Ta' għaxar snin ħdimt l-istess parti ta' Berta — did-darba libsuni parrokka safra bin-nokkli u libsa mqatta', u flimkien m'ommi Ġenoveffa qagħdna fl-għar nistennew lil Segisfrido.

Dan kien il-preludju tal-karriera tiegħi teatrali, u minn dak iż-żmien 'il hawn qalbi baqgħet marbuta mal-Palk. Hekk kien hemm miktub fil-kewkba tad-destin — li nsir attur. Ma jiddispjaċinix lanqas, għax xi ftit jew wisq bikkejt u daħħaqt xi ftit eluf li ġew jaraw id-drammi u l-kummiedji li ħadt sehem fihom. Li kelli nitħallas b'Fiver għal kull parti li ħdimt, illum għandi biex nibni l-isbaħ villa. U li kelli nsemmi ħaġa b'ħaġa ninħtieġ saqqu tar-rix biex noqgħod niftaħar b'rixi.

Biżżejjed ingħid li tant ħdimt xorta ta' karattri li nibża' li ħafna minnhom tħalltu u saru ħaġa waħda mal-karattru personali tiegħi. Għad hawn ħafna semmiegħa tar-Rediffusion li jafuni bis-Sur Ċikk — tal-Ħajja Maltija — jew b'isem ieħor, bħal "Menz" — biex insemmi tnejn.

Mill-aħħar Gwerra 'l hawn aktar ħlejt ħin u żmien fil-ħwejjeġ tat-teatru, radju u televiżjoni milli fi ħwejjeġ oħra. Għad hawn nies li lanqas jafu li ġien miżżewweġ għax rari jarawni d-dar jew barra mal-mara. Immur fejn immur ningħaraf li jiena wieħed minn tar-Rediffusion appena nitkellem. M'hawnx teatru jew sala fejn hemm palk ġo Malta u Għawdex li xi darba ma dehertx fuqu. Biss ara ma taħsbux li għandi xi segretarja mpjegata miegħi biex twieġeb l-eluf tal-ittri li nirċievi mill-Fans! Xi nofs tużżana biss wasluli f'dawn l-aħħar tletin sena u erba' minnhom kienu kontijiet biex inħallas xi dejn. Madankollu dejjem gawdejt popolarita'.

Barra milli nħobb ninterpreta kull xorta ta' karattru nħobb ukoll nikteb drammi u kummiedji — l-aktar għal fuq ir-Rediffusion — għax minn hemm tista' tara sold. Ktibt għadd mhux ħażin u kkompetejt f'ħafna konkorsi u kważi dejjem ġejt ippremjat. Tant li għandi biżżejjed Diplomi biex niksi l-erba' ħitan tal-istudju-salott fqajjar tiegħi — fejn tħobb toqgħod il-qattusa s-sewda tiegħi meta ma tkunx barra għad-dawl ta' qamar fix-xhur keshin tan-namur.

Issib min jgħid: "Dan minnaħa l-oħra...... veru"; għax tas-Sliema mhux fuq in-naħa l-oħra tal-post qiegħda wkoll? U jekk ma tafux fi żmien kienu jsibuna b'tax-Xelin.

Imma x'tort għandi la darba talbuni nagħti r-ritratt tiegħi u miegħu xi tagħrif fuq fuq dwar il-karriera tiegħi Bilħaqq! tieħdux qata' jekk taraw ir-ritratt — għandkom mnejn ma temmnux li twelidt fl-1922. Jekk m'intomx temmnuni saqsu lill-ommi Stella jew morru l-Insinwa. Imma veru wkoll li l-Palk xejjaħni qabel il-waqt, u minħabba f'hekk qatt ma nista' nieħu parti ta' żagħżugħ fuq it-T.V.......Fuq il-palk nista', ftit jew wisq, ninganna bl-irtokk, imma fuq it-T.V. le......Hu x'inhu l-għaxqa tiegħi naħdem parti ta' xiħ......u mhux darba jew tnejn meta tlajt fuq karozza tal-linja sibt lil min jagħtini postu! Kieku x'kont tagħmel int? Tqumli?

Il-programm "Kieku" fuq in-Network Nazzjonali tar-Rediffusion lili jogħġobni avolja jkolli nħabbel rasi mhux ftit biex insib soluzzjoni. Biss f'kull xandira trid tkun ippreparat biex lis-semmiegħ togħġbu — anki fil-qari tar-rumanzi jew tan-novelli. Għax għalkemm aħna lkoll atturi u ninsabu fuq il-palk tal-ħajja — nistennew sa ma jgħorġuna minnha fuq l-ispalla għall-ġonna taċ-ċipress — min hu veru attur professjonali jkollu tabilfors jieħu xogħol tiegħu bis-serjeta'.

Fl-aħħar mill-aħħar din arti, u bħal kull fergħa oħra tal-arti trid tkun imħejji sewwa qabel tidher quddiem il-pubbliku. L-istess bħal kull sengħa oħra: trid tkun tafha sewwa u tibqa' namrat tagħha ħaltek kollha. B'hekk biss tista' tikseb identita' għat-talent li jkollok.

Nieħdu "Il-Parodija ta' Dovik" li tagħha ħadt ir-Rediffusion Golden Star bħala l-aħjar awtur tal-aħjar serial tal-1969......billi niftaħar ftit — x'fiha? Biex ktibtu tgħidx kemm ħabbilt rasi u għaddejt ġimgħat u xhur b'uġiegħ ta' ras. Iżda għandi sodisfazzjon kbir — mhux biss tad-Diploma — iżda wkoll tal-mijiet ta' semmiegħa li kitbu ittri ta' tifħir.

Nagħlaq billi nerġa' nistqarr b'wiċċi minn quddiem li jiena twelidt biex insir attur, u sakemm jibqagħli n-nifs u qalbi tibqa' tħabbat, nibqa' nagħti s-sehem tiegħi f'din l-arti tad-Drama. Irrid ukoll nagħmel il-qalb lil dawk li għandhom dan it-talent biex ikomplu jaħdmu u jkabbru l-ġonna tad-drama u tal-letteratura Maltija.